

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ID-DIRETTIVA 2000/54/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Settembru 2000

dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma' l-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol

(is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)

(ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► M1	Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/1833 tal-24 ta' Ottubru 2019	L 279	54	31.10.2019
► M2	Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2020/739 tat-3 ta' Ġunju 2020	L 175	11	4.6.2020

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, ĠU L 195, 19.6.2020, p. 118 (2019/1833)
- **C2** Emendi, ĠU L 266, 13.8.2020, p. 36 (2000/54/KE)
- **C3** Emendi, ĠU L 359, 29.10.2020, p. 26 (2019/1833)

▼B**ID-DIRETTIVA 2000/54/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U
TAL-KUNSILL****tat-18 ta' Settembru 2000**

dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati ma'
l-espożizzjoni għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol

(is-seba' direttiva individwali fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1)
tad-Direttiva 89/391/KEE)

IL-KAPITOLU I**DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI***L-Artikolu 1***Għan**

1. Din id-Direttiva għandha bħala l-ġħan tagħha il-protezzjoni tal-ħaddiema kontra riskji għal saħħithom jew għas-sigurta tagħhom, li tinkludi l-prevenzjoni ta' riskji bħal dawn, li joħorġu jew li huma probabbli li joħorġu mill-espożizzjoni għal aġenti bioloġiċi fuq ix-xogħol.

Hija tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet minimi partikulari f'dan il-qasam.

2. Id-Direttiva 89/391/KEE għandha tgħodd bis-sħiħ għall-qasam kollu li hemm riferenza għalih fparagrafu 1, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet aktar stretti u/jew spċifici misjuba f'din id-Direttiva.

3. Din id-Direttiva għandha tgħodd mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 90/219/KEE⁽¹⁾ u tad-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE⁽²⁾.

*L-Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-għan ta' din id-Direttiva:

- (a) “aġenti bijoloġiċi” għandha tfisser mikro-organiżmi, li jinkludu dawk li ġew immodifikati ġenotikament, kulturi taċ-ċelloli u endoparassiti tal-bniedem, li jistgħu jkunu kapaċi jipprovokaw kwalunkwe infezzjoni, allerġija jew tossiċità;
- (b) “mikro-organiżmu” għandha tfisser entità mikro-bijoloġika, ċellulari jew mhux ċellulari, li tkun kapaċi timmultiplika ruħha jew li titrasferixxi materjal ġenotiku;
- (c) “kultura taċ-ċelloli” għandha tfisser it-tkabbir in vitro ta’ ċelloli miksubi minn organiżmi multi-ċellolari.

“Aġenti bijoloġiċi” għandhom jiġu kklassifikati f'erba’ gruppi ta’ riskju, skond il-livell ta’ riskju ta’ l-infezzjoni:

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 90/219/KEE tat-23 ta’ April 1990 dwar l-użu mrażjan ta’ mikro-organiżmi li jkunu ġenotikament immodifikati (ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 1). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/81/KE (ĠU L 330, tal-5.12.1998, p. 13).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 ta’ April 1990 dwar ir-rilaxx apposta fl-ambjent ta’ mikro-organiżmi li jkunu ġenotikament immodifikati (ĠU L 117, tat-8.5.1990, p. 15). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/35/KE (ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 72).

▼B

1. aġent bijoloġiku ta' grupp 1 ifisser wieħed li mhux probabbli li jikkawża mard fil-bniedem;
2. aġent bijoloġiku ta' grupp 2 ifisser wieħed li jista' jikkawża mard fil-bniedem u jista' jkun ta' perikolu għall-ħaddiema; ma huwiex probabbli li jinxtered fil-komunità; ġeneralment ikun hemm profilassi effettiva jew trattament disponibbli;
3. aġent bijoloġiku ta' grupp 3 ifisser wieħed li jista' jikkawża mard serju fil-bniedem u li huwa ta' perikolu serju għall-ħaddiema; jista' joħloq riskju ta' tixrid fil-komunità; iżda ġeneralment ikun hemm profilassi effettiva jew trattament disponibbli;
4. aġent bijoloġiku ta' grupp 4 ifisser wieħed li jikkawża mard serju fil-bniedem u li huwa ta' perikolu serju għall-ħaddiema; jista' joħloq ta' riskju għoli ta' tixrid fil-komunità; ġeneralment ma jkunx hemm profilassi jew trattament disponibbli.

*L-Artikolu 3***Skop — Stabbiliment u stima tar-riskji**

1. Din id-Direttiva għandha tgħodd għall-attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew huma potenzjalment esposti għall-aġenti bijoloġiċi bħala riżultat tax-xogħol tagħhom.
2. Fil-każ ta' kull attivitā li x'aktarx tikkawża riskju ta' espożizzjoni għall-aġenti bijoloġiċi, għandhom jiġu stabbiliti in-natura, il-grad u d-dewmien ta' l-espożizzjoni tal-ħaddiema sabiex tkun tista' ssir stima tar-riskju għas-saħħa jew għas-sigurtà tal-ħaddiema u biex jiġu stabbiliti il-miżuri li jkollhom jittieħdu.

Fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu espożizzjoni għal diversi gruppi ta' aġenti bijoloġiċi, ir-riskju għandu jiġi stmat fuq il-bażi tal-perikolu ppreżentat mill-aġenti bijoloġiċi perikolużi kollha preżenti.

L-istima għandha tiġi mġedda regolarmen u ssir kull darba li sseħħ bidla fil-kondizzjonijiet li tista' taffettwa l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-aġenti bijoloġiċi.

Min iħaddem għandu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti, fuq it-talba tagħħom, l-informazzjoni kollha użata biex issir l-istima.

3. L-istima li hemm riferenza għaliha f'paragrafu 2 għandha tiġi mwettqa fuq il-bażi ta' l-informazzjoni kollha disponibbli li tinkludi:
 - (a) il-klassifikazzjoni ta' l-aġenti bijoloġiċi li huma jew li jistgħu ikunu ta' perikolu għas-saħħa tal-bniedem, kif hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 18;
 - (b) rakkmandazzjonijiet mill-awtorità kompetenti li jindikaw li l-aġġent bijoloġiku għandu jiġi kkontrollat sabiex tkun protetta s-saħħa tal-ħaddiema meta l-ħaddiema jkunu esposti jew jistgħu jiġi esposti għal aġġent bijoloġiku bħal dan bħala riżultat tax-xogħol tagħħom;
 - (c) informazzjoni dwar il-mard li jista' jittieħed bħala riżultat tax-xogħol tal-ħaddiema;
 - (d) effetti allerġiċi jew tossikoloġiċi potenzjali bħala riżultat tax-xogħol tal-ħaddiema;

▼B

- (e) tagħrif dwar marda li ħaddiem jinstab li jkun qiegħed ibati minnha u li jkollha konnessjoni diretta ma' xogħlu.

*L-Artikolu 4***L-applikazzjoni tad-diversi Artikoli fir-rigward ta' l-istima tar-riskji**

1. Jekk ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 juru li l-espożizzjoni u/jew espożizzjoni potenzjali hija għal aġġent bijoloġiku ta' grupp 1, mingħajr ebda riskji identifikabbli għas-saħħha tal-ħaddiema, l-Artikoli 5 sa 17 u l-Artikolu 19 ma għandhomx japplikaw.

Madanakollu, il-punt 1 ta' l-Anness VI għandu jiġi osservat.

2. Jekk ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 juru li l-aktivitā ma tinvolvix intenzjoni apposta biex isir xogħol bi jew użu ta' aġġent bijoloġiku iż-żda jista' jirriżulta li l-ħaddiema jiġu esposti għall-aġġent bijoloġiku, kif fil-kors ta' l-aktivitajiet li għalihom hemm mogħtija lista indikattiva fl-Anness I, l-Artikoli 5, 7, 8, 10, 11, 12, 13 u 14 għandhom jgħoddu kemm-il darba ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 turi li ma jkunux neċċessarji.

IL-KAPITOLU II**OBBLIGI TA' MIN IĦADDEM***L-Artikolu 5***Bdil**

Min iħaddem għandu jevita l-użu ta' aġġent bijoloġiku li jagħmel il-ħsara jekk ix-xorta ta' l-aktivitā tippermetti li dan isir, billi jibdlu ma' aġġent bijoloġiku li, taħt il-kondizzjonijiet ta' l-użu tiegħu, ma jkunx perikoluż jew ikun inqas perikoluż għas-saħħha tal-ħaddiema, skond kif ikun il-każ, fl-istat tat-tagħrif preżenti.

*L-Artikolu 6***Tnaqqis fir-riskji**

1. Fejn ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 juru riskju għas-saħħha jew għas-sigurtà tal-ħaddiema, l-espożizzjoni tal-ħaddiema ma għandhiex titħalla.

2. Fejn dan ma jkunx jista' jsir minħabba raġuni teknika, wara li jiġu kkunsidrati l-aktivitā u l-istima tar-riskji li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 3, ir-riskju ta' l-espożizzjoni jitnaqqas għal-livell l-aktar baxx kif ikun neċċessarju sabiex jiġu protetti b'mod xieraq is-saħħha u s-sigurtà tal-ħaddiema kkonċernati, b'mod partikolari bil-miżuri segwenti li għandhom jiġu applikati fid-dawl tar-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3:

- (a) jinżamm baxx kemm jista' jkun in-numru ta' ħaddiema esposti jew li x'aktarx li jiġu esposti;
- (b) tfassil tal-proċessi tax-xogħol u tal-miżuri ta' kontroll ta' l-ingħerija sabiex jevitaw jew inaqqsu r-rilaxx ta' aġġenti bijoloġiċi fil-post tax-xogħol;

▼B

- (c) miżuri ta' protezzjoni kollettivi u/jew, fejn l-espożizzjoni ma tistax tiġi evitata b'mod ieħor, miżuri individwali ta' protezzjoni;
- (d) miżuri ta' l-iġjene kompatibbli ma' l-għan tal-prevenzjoni jew tnaqqis tat-trasferiment aċċidentalji jew rilaxx ta' aġent bijoloġiku mill-post tax-xogħol;
- (e) użu ta' sinjal ta' perikolu bijoloġiku deskritt fl-Anness II u sinjali oħra rilevanti ta' twissija;
- (f) tfassil ta' pjani li jkollhom x'jaqsmu ma' x'għandu jsir faccidenti li jinvolvu aġenti bijoloġiċi;
- (g) ittestjar, fejn ikun neċċessarju u teknikament possibbli, għall-preżenza, barra mill-konfini fiżiċi primarji, ta' aġenti bijoloġiċi użati fuq il-post tax-xogħol;
- (h) mezzi għall-ġbir, ħżin u rimi bla perikolu ta' skart mill-ħaddiem inkluż l-użu ta' reċipjenti bla perikolu u li jintgħarfū, wara trattament xieraq fejn ikun hemm bżonn;

▼C2

- (i) arranġamenti għall-maniġġ u t-trasport bla perikolu ta' aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol.

▼B*L-Artikolu 7***Informazzjoni għall-awtorità kompetenti**

1. Fejn ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 turi riskju għas-saħħha jew għas-sigurtà tal-ħaddiem, min ihaddeem għandu, meta mitlub, iforni lill-awtorità kompetenti informazzjoni xierqa dwar:

- (a) ir-riżultati ta' l-istima;
- (b) l-attivitajiet li fihom il-ħaddiema jkunu ġew esposti jew jista' jagħti l-każz li jkunu ġew esposti għall-aġenti bijoloġiċi;
- (c) in-numru ta' ħaddiema esposti;
- (d) l-isem u l-kapaċitajiet tal-persuna responsabbi għas-sigurtà u s-saħħha fuq il-post tax-xogħol;
- (e) il-miżuri ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni meħuda, li jinkludu l-proċeduri u l-metodi tax-xogħol;
- (f) pjan ta' emerġenza għall-protezzjoni tal-ħaddiema mill-espożizzjoni għal aġent bijoloġiku ta' grupp 3 jew ta' grupp 4 li jista' jirriżulta minn nuqqas ta' trażżeen fiżiċi.

2. Min iħaddem għandu jinforma mill-ewwel lill-awtorità kompetenti b'kull aċċident jew inċident li jista' jkun irriżulta fir-rilaxx ta' aġent bijoloġiku u li jista' jikkawża infezzjoni serja u/jew mard serju fil-bniedem.

3. Il-lista li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 11 u r-record mediku li hemm riferenza għalihi fl-Artikolu 14 għandhom ikunu magħmula disponibbli lill-awtorità kompetenti f'każijiet fejn l-intrapriża twaqqaf l-attivitā tagħha, skond il-ligġiġiet u/jew prattika nazzjonali.

▼B*L-Artikolu 8***Iġjene u protezzjoni individwali**

1. Min iħaddem għandu jkun obbligat, fil-każ ta' l-aktivitajiet kollha li għalihom hemm riskju għas-saħħha jew għas-sigurtà tal-ħaddiema minħabba x-xogħol b'aġenti bijoloġiċi, biex jieħu l-miżuri neċċesarji sabiex jiżgura li:

- (a) il-ħaddiema ma jiklux jew jixorbu waqt li jkunu f'żona fejn isir ix-xogħol minħabba li jkun hemm riskju ta' kontaminazzjoni minn aġenti bijoloġiċi;
- (b) il-ħaddiema jiġu fornuti b'ilbies ta' protezzjoni addattat jew ilbies ieħor speċjali addattat;
- (c) il-ħaddiema jiġu fornuti bil-faċilitajiet ta' ħasil u ta' iġjene personali adegwati, li jistgħu jinkludu likwidu għall-ħasil ta' l-għajnejn u antisettiċi tal-ġilda;
- (d) kull apparat ta' protezzjoni meħtieġ ikun:
 - maħżun sew f'post definit tajjeb,
 - ikkontrollat u mnaddaf minn qabel jekk dan ikun possibbli, u fkull każ wara, kull użu,
 - jissewwa, jekk ikun difettuż, jew jiġi mibdul qabel jintuża aktar;

▼C2

- (e) il-proċeduri huma speċifikati għat-tēhid, il-maniġġ u l-ipproċessar ta' kampjuni ta' oriġini umana jew tal-annimali.

▼B

2. Il-ħwejjeġ tax-xogħol u t-tagħmir ta' protezzjoni, inklużi l-ħwejjeġ ta' protezzjoni li hemm riferenza għalihom feparagrafu 1, li jistgħu ikunu kkontaminati b'aġenti bijoloġiċi, għandhom jitneħħew mal-ħruġ miż-żona tax-xogħol u, qabel ma jittieħdu l-miżuri msemmjija fit-tieni subparagrafu, jinżammu separati mill-ħwejjeġ l-oħra.

Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħwejjeġ u t-tagħmir ta' protezzjoni bħal dawn jiġu dekontaminati u mnaddfin jew, jekk ikun hemm bżonn, jiġu meqruda.

3. Il-ħaddiema ma għandhomx jiġu mitluba flus għall-ispejjeż tal-miżuri li hemm riferenza għalihom fil-paragrafi 1 u 2.

*L-Artikolu 9***Informazzjoni u taħriġ tal-ħaddiema**

1. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa minn min iħaddem sabiex jiżgura li l-ħaddiema u/jew kull rappreżentant tal-ħaddiema fl-intrapriża jew stabbilitament jirċievu taħriġ biżżejjed u xieraq, fuq il-bażi ta' kull informazzjoni disponibbli, b'mod partikolari fil-forma ta' informazzjoni u struzzjonijiet dwar:

- (a) riskji potenzjali għas-saħħha;
- (b) prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu sabiex ma jkunx hemm espo-żizzjoni;
- (c) ġtigiet ta' l-iġjene;
- (d) ilbies u użu ta' tagħmir u ħwejjeġ ta' protezzjoni;
- (e) passi li għandhom jittieħdu mill-ħaddiema fil-każ ta' inċidenti u sabiex ma jkunx hemm inċidenti.

▼B

2. It-tahriġ għandu jigi:
 - (a) mogħti fil-bidu tax-xogħol li jkun jinvolvi kuntatt ma' aġġenti bijoloġiċi,
 - (b) addattat sabiex jagħti każ ta' riskji ġoddha jew mibdula, u
 - (c) ripetut perjodikament jekk ikun hemm bżonn.

*L-Artikolu 10***Informazzjoni tal-ħaddiema f'każi partikolari****▼C2**

1. Min iħaddem għandu jipprovd struzzjonijiet bil-miktub fuq il-post tax-xogħol u, jekk ikun xieraq, iwaħħal avviżi li għandhom, minn tal-inqas, jinkludu l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta':
 - (a) aċċident jew inċident serju li jinvolvi l-maniġġ ta' aġġent bijoloġiku;
 - (b) il-maniġġ ta' aġġent bijoloġiku tal-grupp 4.
2. Il-ħaddiema għandhom jirrapportaw minnufih kwalunkwe aċċident jew inċident li jinvolvi l-maniġġ ta' aġġent bijoloġiku lill-persuna inkarigata, jew lill-persuna responsabbli mis-sigurtà u mis-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

▼B

3. Min iħaddem għandu jinforma minnufih lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżtant tal-ħaddiema b'kull aċċident jew inċident li setgħa irriżulta fir-riżalta fir-rilaxx ta' aġġent bijoloġiku u li jista' jikkawża infel-żon serja u/jew mard serju fil-bniedem.

Barra minn hekk, min iħaddem għandu jinforma mill-ewwel lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżtant tal-ħaddiema fl-intrapriża jew stabbiliment mill-aktar fis possibbli meta jiġi aċċident jew inċident serju, bil-kawżi ta' l-aċċident jew l-inċident u bil-miżuri li ttieħdu jew li għandhom jittieħdu sabiex tissewwa s-sitwazzjoni.

4. Kull ħaddiem għandu jkollu aċċess għall-informazzjoni fil-lista li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 11 li tkun tirreferi għalihi personalment.
5. Il-ħaddiema u/jew kwalunkwe rappreżtant tal-ħaddiema fl-intrapriża jew stabbiliment għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni kollettiva anonima.
6. Min iħaddem għandu jipprovd lill-ħaddiema u/jew lir-rappreżtantivi tagħhom, fuq it-talba tagħhom, bl-informazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 7(1).

*L-Artikolu 11***Lista ta' ħaddiema esposti**

1. Min iħaddem għandu jżomm lista ta' ħaddiema esposti għall-ġġen ħażżeen, u għandu jagħti indikazzjoni dwar it-tip ta' xogħol imwettaq u, fejn ikun possibbli, l-aġġent bijoloġiku li għalihi kienu ġew esposti, kif ukoll records ta' l-espożizzjonijiet, aċċidenti u inċidenti, kif xieraq.

▼B

2. Il-lista li hemm riferenza għaliha f'paragrafu 1 għandha tinżamm għal mill-inqas 10 snin mit-tmiem ta' l-espożizzjoni, skond il-liġijiet u/jew prattika nazzjonali.

Fil-każ ta' dawk l-espożizzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'infezzjonijiet:

- (a) b'ażenti bijoloġiċi magħrufa bħala li huma kapaċi li jistabilixxu infezzjonijiet eżistenti jew li qiegħdin hemm iżda li jkunu għadhom mhux attivi;
- (b) li, fid-dawl tat-tagħrif preżenti, ma jistgħux jiġu djanjostikati sakemm il-marda tiżviluppa diversi snin wara;
- (c) li jkollhom perjodi ta' inkubazzjoni partikolarment twal qabel ma tiżviluppa l-marda;
- (d) li jirriżultaw f'mard li xi kultant jerġa' jfiegħ wara perjodu ta' żmien twil minkejja li jkun ittieħed trattament, jew
- (e) li jkollhom konsegwenzi serji fuq perjodi ta' żmien twal,

il-lista għandha tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal sa mhux aktar minn 40 sena mill-aħħar espożizzjoni magħrufa.

3. It-tabib li hemm riferenza għaliex fl-Artikolu 14 u/jew l-awtorità kompetenti mis-sigurtà u s-saħħha fuq il-post tax-xogħol, u kull persuna oħra responsabbi mis-sigurtà u s-saħħha fuq il-post tax-xogħol, għandhom ikollhom aċċess għal-lista li hemm riferenza għaliha f'paragrafu 1.

L-Artikolu 12

Il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema

Il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u/jew tar-rappreżentanti tagħhom fir-rigward ta' affarijiet koperti b'din id-Direttiva għandhom isiru skond l-Artikolu 11 tad-Direttiva 89/391/KEE.

L-Artikolu 13

Notifikasi mill-awtorità kompetenti

1. Għandha ssir notifika minn qabel lill-awtorità kompetenti ta' l-użu għall-ewwel darba ta':

- (a) aġġenti bijoloġiċi ta' grupp 2;
- (b) aġġenti bijoloġiċi ta' grupp 3;
- (c) aġġenti bijoloġiċi ta' grupp 4;

In-notifika għandha ssir mill-inqas 30 ġurnata qabel ma jinbeda x-xogħol.

Sogħġetta għal paragrafu 2, għandha ssir ukoll notifika minn qabel ta' l-użu għall-ewwel darba ta' kull aġġent bijoloġiku ta' grupp 4 sussegwenti u ta' kull aġġent bijoloġiku ta' grupp 3 ġdid fejn min iħaddem nnifsu jikklassifika b'mod proviżorju dak l-aġġent bijoloġiku.

2. Laboratorji li jipprovdū servizz ta' djanjożi fir-rigward ta' aġġenti bijoloġiċi ta' grupp 4 għandhom jiġu mitluba jagħmlu biss notifika inizjali ta' l-intenzjoni tagħhom.

3. Għandha ssir notifika mill-ġdid f'kull każ fejn ikun hemm bdil sostanzjali ta' importanza għas-sigurta jew għas-saħħha fuq il-post tax-xogħol għall-proċessi u/jew proċeduri li jagħmlu in-notifika skaduta.

▼B

4. In-notifika li hemm riferenza għaliha f'paragrafi 1, 2 u 3 għandha tinkludi:
- l-isem u l-indirizz ta' l-intraprija u/jew l-istabbiliment;
 - l-isem u l-kapaċitajiet tal-persuna responsabbi mis-sigurtà u s-saħħha fuq il-post tax-xogħol;
 - ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3;
 - l-ispeċċi ta' l-aġġent bijoloġiku;
 - il-miżuri ta' protezzjoni u ta' prevenzjoni maħsuba.

IL-KAPITOLU III
DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

L-Artikolu 14

Ħarsien tas-saħħha

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, skond il-liġijiet u l-prattika nazzjonali, arranġamenti sabiex isir ħarsien relevanti tas-saħħha tal-ħaddiem ta' għalihi ir-riżultati ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 juru riskju għas-saħħha jew għas-sigurtà.

2. L-arranġamenti li hemm riferenza għalihom f'paragrafu 1 għandhom ikunu tali li kull ħaddiem għandu jkun jista' jkollu, jekk xieraq, ħarsien rilevanti ta' saħħtu:

- qabel l-espożizzjoni;
- f'intervalli regolari minn hemm 'il quddiem.

Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu tali li jkun direttament possibbli li jiġu implementati miżuri ta' l-iġjene individwali u fuq ix-xogħol.

3. L-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3 għandha tidentifika dawk il-ħaddiem ta' għalihom jistgħu jkun meħtieġa miżuri specjalji ta' protezzjoni.

Fejn ikun hemm bżonn, għandu jkun disponibbli tilqim effettiv għal dawk il-ħaddiem li ma jkunux digħiġ immuni għall-aġġent bijoloġiku li għalihi ikunu esposti jew li x'aktarx ikunu esposti għalihi.

Meta min iħaddem jagħmel it-tilqim disponibbli, għandu jagħti kas tal-kodiċi tal-prattika rakkommandat stabbilit fl-Anness VII.

Jekk ħaddiem jinstab li jkun qiegħed ibati minn infezzjoni u/jew mard ieħor li jkun hemm suspectt li jkun ir-riżultat ta' espożizzjoni, it-tabib jew l-awtorità responsabbi mill-ħarsien tas-saħħha tal-ħaddiem għandu joffri jew għandha toffri ħarsien tali lill-ħaddiem la-oħra li jistgħu ikunu ġew esposti bl-istess mod.

F'dak il-każ, għandha ssir eżaminazzjoni mill-ġdid tar-riskju ta' espożizzjoni skond l-Artikolu 3.

4. F'każżejjiet fejn ikun qiegħed isir ħarsien tas-saħħha, għandu jinżamm record mediku individwali għal mill-inqas 10 snin mit-tmiem ta' l-espożizzjoni, skond il-liġijiet u l-prattika nazzjonali.

▼B

Fil-każijiet speċjali li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 11(2) it-tieni subparagrafu, għandu jinżamm *record* mediku individwali għal żmien proporzjonalment itwal sa mhux aktar minn 40 sena mill-aħħar espożizzjoni magħrufa.

5. It-tabib jew l-awtorità responsabbi mill-ħarsien tas-saħħha għandu jew għandha tiproponi kwalunkwe miżuri ta' protezzjoni jew ta' prevenzjoni sabiex jittieħdu fir-rigward ta' kull ġaddiem individwali.

6. Il-ħaddiema għandhom jingħataw informazzjoni u parir dwar kull eżaminazzjoni tas-saħħha li jkunu jridu jgħaddu minnu wara t-tmiem ta' l-espożizzjoni.

7. Skond il-ligġijiet u/jew prattika nazzjonali:

(a) il-ħaddiema għandhom ikollhom aċċess għar-riżultati ta' l-eżaminazzjoni tas-saħħha li jikkonċernahom, u

(b) il-ħaddiema kkonċernati jew min iħaddimhom jista' jitlob reviżjoni tar-riżultati ta' l-eżaminazzjoni tas-saħħha.

8. Rakkmandazzjonijiet praktici għall-eżaminazzjoni tas-saħħha tal-ħaddiema huma mogħtija fl-Anness IV.

9. Il-każijiet kollha tal-mard jew tal-mewt identifikati skond il-ligġijiet u/jew prattika nazzjonali bħala riżultat ta' espożizzjoni waqt ix-xogħol għal aġenti bijoloġiċi għandhom jiġu nnofifikati lill-awtorità kompetenti.

L-Artikolu 15

Faċilitajiet tal-kura tas-saħħha u veterinarji għajr laboratorji ta' djanjożi.

1. Għall-iskop ta' l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3, għandha tingħata attenzjoni partikolari għal:

(a) nuqqas ta' ċertezza dwar il-preżenza ta' aġenti bijoloġiċi f'pazjenti umani jew annimali u l-materjali u l-kampjuni meħuda minnhom;

(b) il-perikolu rrappreżentat minn aġenti bijoloġiċi magħrufa jew li jkunu suspettati li jkunu preżenti f'pazjenti umani jew annimali u materjali u kampjuni meħudha minnhom;

(c) ir-riskji kkawżati min-natura tax-xogħol.

2. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa fil-faċilitajiet tal-kura tas-saħħha u ta' kura veterinarja sabiex jipproteġu s-saħħha u s-sigurtà tal-ħaddiema kkonċernati.

Il-miżuri li għandhom jittieħdu għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) speċifikazzjoni xierqa tal-proċeduri ta' dekontaminazzjoni u ta' diżinfettar, u

(b) implementazzjoni tal-proċeduri li jħallu li skart ikkontaminat jiġi mmanegħġejat jew mormi mingħajr riskju.

3. F'faċilitajiet ta' iżolament fejn ikun hemm pazjenti umani jew annimali li jkunu, jew li jkunu suspettati li huma, infettati minn aġenti bijoloġiċi ta' grupp 3 jew grupp 4, għandhom jintgħaż lu miżuri ta' trażżeen minn dawk fl-Anness V kolonna A, sabiex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju ta' infezzjoni.

▼B*L-Artikolu 16***Miżuri speċjali għall-proċessi industrijali, laboratorji u kmamar ta' l-annimali**

1. Fil-laboratorji, li jinkludu l-laboratorji ta' dijanjosi, għandhom jittieħdu il-miżuri li ġejjin, kif ukoll fi kmamar għall-annimali tal-laboratorju li kienew ġew infettati apposta b'aġenti bijoloġiċi ta' grupp 2, 3, jew 4 jew li jkunu jew li jkun hemm suspecti li jkunu qegħdin iġorrū aġenti bħal dawn.

▼C2

- (a) Il-laboratorji li jwettqu xogħol li jinvolvi l-maniġġ ta' aġenti bijoloġiċi tal-grupp 2, 3 jew 4 għar-riċerka, żvilupp, tagħlim jew raġunijiet ta' dijanjosi għandhom jistabbilixxu il-miżuri ta' tražżeen skont l-Anness V, sabiex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskju ta' infel-żejja.

▼B

- (b) Wara l-istima li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 3, għandhom jiġu stabbiliti miżuri skond l-Anness V, wara l-istabbiliment tal-livell ta' tražżeen fiziċku mitlub għall-aġenti bijoloġiċi skond il-livell tar-riskju.

▼C2

Attivitajiet li jinvolvu l-maniġġ ta' aġent bijoloġiku għandhom isiru:

▼B

- biss fżoni ta' postijiet tax-xogħol li jikkorrispondu għallinqas mal-livell ta' tražżeen 2, għal aġent bijoloġiku ta' grupp 2,
- biss fżoni ta' postijiet tax-xogħol li jikkorrispondu għallinqas mal-livell ta' tražżeen 3, għal aġent bijoloġiku ta' grupp 3,
- biss fżoni ta' postijiet tax-xogħol li jikkorrispondu għallinqas mal-livell ta' tražżeen 4, għall-aġent bijoloġiku ta' grupp 4.

▼C2

- (c) Laboratorji li jimmaniġġaw materjali li fir-rigward tagħhom ikunu jeżistu dubji dwar il-preżenza ta' aġenti bijoloġiċi li jistgħu jikkawżaw il-mard fil-bniedem iżda li ma jkollhomx bħala l-għan tagħhom, xogħol b'aġenti bijoloġiċi (i.e. jikkultivawhom jew jikkonċentrawhom) għandhom jadottaw minn tal-inqas il-livell ta' tražżeen 2.

▼B

- 2. Għandhom jittieħdu il-miżuri li ġejjin li jikkonċernaw il-proċessi industrijali bl-użu ta' aġenti bijoloġiċi ta' grupp 2, 3 jew 4:

- (a) Il-prinċipji ta' tražżeen stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' paragrafu 1(b) għandhom jgħoddu wkoll għall-proċessi industrijali fuq il-bażi ta' miżuri prattiċi u proċeduri xierqa mogħtija fl-Anness VI.
- (b) Skond l-istima tar-riskju marbuta ma' l-użu ta' aġenti bijoloġiċi ta' grupp 2, 3 jew 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu fuq miżuri xierqa li jkollhom jiġi applikati għall-użu industrijali ta' aġenti bijoloġiċi bħal dawn.

▼B

3. Għall-aktivitajiet kollha koperti b'paragrafi 1 u 2 fejn ma kienx possibbli li ssir stima konklużiva ta' aġġent bijoloġiku iżda li dwaru jidher li l-użu ppjanat jista' jinvvoli riskju serju għal saħħet-il ħaddiema, l-aktivitajiet jistgħu isiru biss fuq postijiet tax-xogħol fejn il-livell ta' trażżeen jikkorrispondi għallinjas għal livell 3.

*L-Artikolu 17***Użu ta' l-informazzjoni**

Il-Kummissjoni għandu jkollha aċċess għall-użu magħmul mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-informazzjoni li hemm riferenza għaliha fl-Artikolu 14(9).

*L-Artikolu 18***Il-klassifikazzjoni ta' aġġenti bijoloġiċi**

- Il-klassifikazzjoni tal-Komunità għandha tkun fuq il-bażi tad-definizzjoni jiet fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2, punti 2 sa 4 (gruppi 2 sa 4).
- Jiddependi fuq il-klassifikazzjoni tal-Komunità, l-Istati Membri għandhom jikklassifikaw l-aġġenti bijoloġiċi li jkunu jew li jistgħu jkunu ta' perikolu għas-saħħha umana fuq il-bażi tad-definizzjoni fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2, il-punti 2 sa 4 (gruppi 2 sa 4).
- Jekk it-tobe ta' l-aġġent bijoloġiku stmat ma jkunx jista' jiġi kklassifikat fwieħed mill-gruppi ddefiniti fit-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 2, għandu jiġi kklassifikat fil-grupp ta' l-akbar riskju fost l-alternattivi.

*L-Artikolu 19***L-Annessi**

Aġġustamenti purament tekniċi għall-Anness fid-dawl tal-progress tekniku, bdil fir-regolamenti jew spēċifikazzjonijiet internazzjonali u sejbiet ġodda fil-qasam ta' l-aġġenti bijoloġiċi għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.

*L-Artikolu 20***Notifikar lill-Kummissjoni**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjoni jiet tal-ligġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*L-Artikolu 21***Revokar**

Id-Direttiva 90/679/KEE, emendata bid-Direttivi li hemm riferenza għalihom fl-Anness VIII, il-Parti A hija revokata, mingħajr preġudizzju għall-obbligli ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' l-għeluq taż-żmien għat-trasposizzjoni stabbilita fl-Anness VIII, il-Parti B.

Riferenzi għad-Direttiva revokata għandhom jiġu meqjusa bħala riferenzi għal din id-Direttiva u għandhom jiġu korrelati skond it-tabella tal-korrelazzjoni li tinsab fl-Anness IX.

▼B

L-Artikolu 22

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 23

Hija indirizzata lil

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

L-ANNESS I

LISTA INDIKATTIVA TA' ATTIVITAJIET

(Artikolu 4 (2))

Nota preliminari

Fejn ir-riżultati ta' valutazzjoni tar-riskju, imwettqa b'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(2) ta' din id-Direttiva, juru esponiment mhux intenzjonat għall-aġenta bijoloġiċi, jista' jkun hemm attivitajiet oħrajn ta' xogħol li mhumiekk inklużi f'dan l-Anness, li jenħtieġ li jiġu kkunsidrati.

1. Xogħol f'impjanti ta' produzzjoni tal-ikel.
2. Xogħol fl-agrikoltura.
3. Attivitajiet tax-xogħol fejn ikun hemm kuntatt mal-animali u/jew ma' proddotti li ġejjin mill-animali.
4. Xogħol fil-kura tas-sahħha, li jinkludi l-iżolament u l-unitajiet *post mortem*.
5. Xogħol fl-laboratorji kliniċi, veterinarji u ta' dijanjosi, minbarra laboratorji mikrobijoloġiċi ta' dijanjosi.
6. Xogħol fl-impjanti tar-rimi tal-iskart.
7. Xogħol f'installazzjonijiet ta' purifikazzjoni tad-drenaġġ.

▼B

L-ANNESS II

SINJAL TA' PERIKOLU BIJOLOĠIKU

(L-Artikolu 6(2)(e))



▼M1*L-ANNESS III***IL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-KOMUNITÀ****It-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 u l-Artikolu 18****NOTI TA' INTRODUZZJONI**

1. B'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, aġenti li jkunu magħrufa li jinfettaw lill-bniedmin biss għandhom jiġu inklużi fil-lista klassifikata.

Fejn xieraq, jingħataw indikazzjonijiet tal-potenzjal tossiku u allerġiku ta' dawn l-aġenti.

Il-patoġeni tal-annimali u tal-pjanti li jkunu magħrufa li ma jaffettwawx lill-bniedem huma eskużi.

Fit-tfassil ta' din il-lista ta' aġenti bijoloġiċi kklassifikati ma tqisux il-mikroorganiżmi ġenetiċament modifikati.

2. Il-lista ta' aġenti kklassifikati tissejjes fuq l-effett ta' dawk l-aġenti fuq ħaddiema b'saħħithom.

Ma tieħed l-ebda kont speċifiku tal-effetti partikolari fuq dawk li s-suxxettibbiltà tagħhom tista' tigħi affettwata għal raġuni jew oħra, bħal mard li digħi kien jeżisti, medikazzjoni, immunità kompromessa, tqala jew treddiġħ.

Jenħtieġ li r-riskju addizzjonali għal ħaddiema bħal dawn jitqies bħala parti mill-valutazzjoni tar-riskju meħtieġa mid-Direttiva.

F'ċerti proċessi industrijali, ċertu xogħol tal-laboratorju jew ċertu xogħol mal-annimali li jinvoli esponenti reali jew potenzjali għall-aġenti bijoloġiċi tal-gruppi 3 jew 4, kull prekawzjoni teknika meħuda għandha tikkonforma mal-Artikolu 16 tad-Direttiva.

3. Aġenti bijoloġiċi li ma ġewx ikklasseifikasi għall-inklużjoni fil-gruppi 2 sa 4 tal-lista mhumiex impliċitament ikklasseifikasi fil-grupp 1.

Għall-ġeneri fejn aktar minn speċi waħda huma magħrufin li huma patoġeniċi għall-bniedem, il-lista se tħalli dawk l-ispeċijiet li huma magħrufa li huma l-aktar responsabbi għall-mard, flimkien ma' referenza aktar ġenerali għall-fatt li speċijiet oħrajn tal-istess ġeneru jistgħu jaffettaw is-saħħha.

Meta jissemma ġeneru sħiħ fil-lista kklassifikata ta' aġenti bijoloġiċi, qed jiġi implikat li l-ispeċijiet u r-razex magħrufa li mhumiex patoġeniċi huma eskużi.

4. Fejn razza tkun attenwata jew tkun tilfet ġeni magħrufa li jkun fihom il-virus, m'hemmx għalfejn japplika t-taħbiex tħalli tħalli l-istess ġeneru jistgħid u jidher minn i-nsejja.

Dan huwa l-każ, pereżempju, meta razza bħal din tkun trid tintuża bħala prodott jew parti minn prodott għal raġunijiet profilattiċi jew terapewtiċi.

5. In-nomenklatura ta' aġenti kklassifikati użata biex tiġi stabilita din il-lista tirrifletti l-aħħar ftehimiet internazzjonali tat-tassonomija u tan-nomenklatura tal-aġenti fiż-żmien li tħejjiet il-lista u hija konformi magħhom.

▼M1

6. Il-lista ta' aġenti bijoloġiċi kklassifikati tirrifletti l-istat tal-għarfien fiż-żmien li tkun saret.

Se tīgi aġġornata hekk kif ma tibqax tirrifletti l-aktar stat tal-għarfien riċenti.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-viruses kollha li diġà jkunu ġew iżolati fil-bniedem u li jkunu għadhom ma ġewx ivvalutati u allokati f'dan l-Anness huma kklassifikati fil-grupp 2 bħala minimu, għajr meta l-Istati Membri jkollhom prova li muwiex probabbli li jikkawżaw mard fil-bniedem.

8. Ċerti aġenti bijoloġiċi kklassifikati fil-grupp 3 li huma indikati fil-lista annessa b'żewġ asterisks (**), jistgħu jippreżentaw riskju limitat ta' infezzjoni għall-ħaddiemha għaliex normalment ma jiġux trażmessi mill-arja.

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-miżuri ta' trażżeen li jridu jiġu applikati għal aġenti bħal dawn, filwaqt li jqisu n-natura tal-aktivitajiet speċifiċi inkwistjoni u l-kwantità tal-aġġent involut, bil-għan li jiġi ddeterminat jekk, fċirkostanzi partikolari, uħud minn dawn il-miżuri jista' ma jsirux.

9. Ir-rekwiżiti għat-trażżin minħabba l-klassifikazzjoni tal-parassiti jaapplikaw biss għall-fażjiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-parassita li fihom huwa probabbli li jista' jinfetta lill-bniedem fuq il-post tax-xogħol.
10. Din il-lista tagħti wkoll indikazzjoni separata fil-każijiet fejn l-aġġenti bijoloġiċi huma probabbli li jikkawżaw reazzjonijiet allerġiċi jew tossiċi, fejn ikun hemm vaċċin effettiv disponibbli, jew fejn huwa suġġerit li tinżamm lista ta' haddiemha esposti għal aktar minn 10 snin.

Dawn l-indikazzjoni huma murija bl-ittri li ġejjin:

A: Effetti allerġiċi possibbli

D: Lista ta' haddiemha esposti għal dan l-aġġenti bijologiċu li għandha tinżamm għal aktar minn 10 snin wara l-aħħar esponent magħruf

T: Produzzjoni tat-tossina

V: Vaċċin effettiv disponibbli u rreġistrat fl-UE

Fl-applikazzjoni ta' vaċċin ta' prevenzjoni jenħtieġ li titqies il-kodiċi ta' prattika mogħiġa fl-Anness VII.

▼M1**BATTERJI****u organiżmi simili**

NB: Għall-ġeneti bijoloġiċi li jidhru f'din il-lista, l-entrata tal-ġeneru kollu biżżejda ta' "spp." tirreferi għal speċijiet oħra li jappartjenu għal dan il-ġeneru li ma ġewx inklużi speċifikament fil-lista, iżda li huma patoġeni magħrufa fil-bniedem. Għal aktar dettalji ara n-nota ta' introduzzjoni 3.

Aġġent bijoloġiku	Klassifikazzjoni	Noti
<i>Actinomadura madurae</i>	2	
<i>Actinomadura pelletieri</i>	2	
<i>Actinomyces gerencseriae</i>	2	
<i>Actinomyces israelii</i>	2	
<i>Actinomyces</i> spp.	2	
<i>Aggregatibacter actinomycetemcomitans</i> (<i>Actinobacillus actinomycetemcomitans</i>)	2	
<i>Anaplasma</i> spp.	2	
<i>Arcanobacterium haemolyticum</i> (<i>Corynebacterium haemolyticum</i>)	2	
<i>Arcobacter butzleri</i>	2	
<i>Bacillus anthracis</i>	3	T
<i>Bacteroides fragilis</i>	2	
<i>Bacteroides</i> spp.	2	
<i>Bartonella bacilliformis</i>	2	
<i>Bartonella quintana</i> (<i>Rochalimaea quintana</i>)	2	
<i>Bartonella</i> (<i>Rochalimaea</i>) spp.	2	
<i>Bordetella bronchiseptica</i>	2	
<i>Bordetella parapertussis</i>	2	
<i>Bordetella pertussis</i>	2	T, V
<i>Bordetella</i> spp.	2	
<i>Borrelia burgdorferi</i>	2	
<i>Borrelia duttonii</i>	2	
<i>Borrelia recurrentis</i>	2	
<i>Borrelia</i> spp.	2	
<i>Brachyspira</i> spp.	2	
<i>Brucella abortus</i>	3	
<i>Brucella canis</i>	3	
<i>Brucella inopinata</i>	3	
<i>Brucella melitensis</i>	3	
<i>Brucella suis</i>	3	
<i>Burkholderia cepacia</i>	2	
<i>Burkholderia mallei</i> (<i>Pseudomonas mallei</i>)	3	
<i>Burkholderia pseudomallei</i> (<i>Pseudomonas pseudomallei</i>)	3	D
<i>Campylobacter fetus</i> subsp. <i>fetus</i>	2	
<i>Campylobacter fetus</i> subsp. <i>venerealis</i>	2	
<i>Campylobacter jejuni</i> subsp. <i>doylei</i>	2	
<i>Campylobacter jejuni</i> subsp. <i>jejuni</i>	2	

▼M1

Aġent bijoloġiku	Klassifikazzjoni	Noti
<i>Campylobacter</i> spp.	2	
<i>Cardiobacterium hominis</i>	2	
<i>Cardiobacterium valvarum</i>	2	
<i>Chlamydia abortus</i> (<i>Chlamydophila abortus</i>)	2	
<i>Chlamydia caviae</i> (<i>Chlamydophila caviae</i>)	2	
<i>Chlamydia felis</i> (<i>Chlamydophila felis</i>)	2	
<i>Chlamydia pneumoniae</i> (<i>Chlamydophila pneumoniae</i>)	2	
<i>Chlamydia psittaci</i> (<i>Chlamydophila psittaci</i>) (avian strains)	3	
<i>Chlamydia psittaci</i> (<i>Chlamydophila psittaci</i>) (other strains)	2	
<i>Chlamydia trachomatis</i> (<i>Chlamydophila trachomatis</i>)	2	
<i>Clostridium botulinum</i>	2	T
<i>Clostridium difficile</i>	2	T
<i>Clostridium perfringens</i>	2	T
<i>Clostridium tetani</i>	2	T, V
<i>Clostridium</i> spp.	2	
<i>Corynebacterium diphtheriae</i>	2	T, V
<i>Corynebacterium minutissimum</i>	2	
<i>Corynebacterium pseudotuberculosis</i>	2	T
<i>Corynebacterium ulcerans</i>	2	T
<i>Corynebacterium</i> spp.	2	
<i>Coxiella burnetii</i>	3	
<i>Edwardsiella tarda</i>	2	
<i>Ehrlichia</i> spp.	2	
<i>Eikenella corrodens</i>	2	
<i>Elizabethkingia meningoseptica</i> (<i>Flavobacterium meningosepticum</i>)	2	
<i>Enterobacter aerogenes</i> (<i>Klebsiella mobilis</i>)	2	
<i>Enterobacter cloacae</i> subsp. <i>cloacae</i> (<i>Enterobacter cloacae</i>)	2	
<i>Enterobacter</i> spp.	2	
<i>Enterococcus</i> spp.	2	
<i>Erysipelothrix rhusiopathiae</i>	2	
<i>Escherichia coli</i> (bl-eċċejżjoni tar-razex mhux patoġeniċi)	2	
<i>Escherichia coli</i> , verocytotoxigenic strains (eż. O157:H7 jew O103)	3 (*)	T
<i>Fluoribacter bozemanae</i> (<i>Legionella</i>)	2	
<i>Francisella hispaniensis</i>	2	
<i>Francisella tularensis</i> subsp. <i>holarctica</i>	2	
<i>Francisella tularensis</i> subsp. <i>mediasiatica</i>	2	
<i>Francisella tularensis</i> subsp. <i>novicida</i>	2	
<i>Francisella tularensis</i> subsp. <i>tularensis</i>	3	
<i>Fusobacterium necrophorum</i> subsp. <i>funduliforme</i>	2	
<i>Fusobacterium necrophorum</i> subsp. <i>necrophorum</i>	2	
<i>Gardnerella vaginalis</i>	2	

▼M1

Aġent bijoloġiku	Klassifikazzjoni	Noti
<i>Haemophilus ducreyi</i>	2	
<i>Haemophilus influenzae</i>	2	V
<i>Haemophilus</i> spp.	2	
<i>Helicobacter pylori</i>	2	
<i>Helicobacter</i> spp.	2	
<i>Klebsiella oxytoca</i>	2	
<i>Klebsiella pneumoniae</i> subsp. <i>ozaenae</i>	2	
<i>Klebsiella pneumoniae</i> subsp. <i>pneumoniae</i>	2	
<i>Klebsiella pneumoniae</i> subsp. <i>rhinoscleromatis</i>	2	
<i>Klebsiella</i> spp.	2	
<i>Legionella pneumophila</i> subsp. <i>fraseri</i>	2	
<i>Legionella pneumophila</i> subsp. <i>pascullei</i>	2	
<i>Legionella pneumophila</i> subsp. <i>pneumophila</i>	2	
<i>Legionella</i> spp.	2	
<i>Leptospira interrogans</i> (all serovars)	2	
<i>Leptospira interrogans</i> spp.	2	
<i>Listeria monocytogenes</i>	2	
<i>Listeria ivanovii</i> subsp. <i>ivanovii</i>	2	
<i>Listeria ivanovii</i> subsp. <i>londoniensis</i>	2	
<i>Morganella morganii</i> subsp. <i>morganii</i> (<i>Proteus morganii</i>)	2	
<i>Morganella morganii</i> subsp. <i>sibonii</i>	2	
<i>Mycobacterium abscessus</i> subsp. <i>abscessus</i>	2	
<i>Mycobacterium africanum</i>	3	V
<i>Mycobacterium avium</i> subsp. <i>avium</i> (<i>Mycobacterium avium</i>)	2	
<i>Mycobacterium avium</i> subsp. <i>paratuberculosis</i> (<i>Mycobacterium paratuberculosis</i>)	2	
<i>Mycobacterium avium</i> subsp. <i>silvaticum</i>	2	
<i>Mycobacterium bovis</i>	3	V
<i>Mycobacterium caprae</i> (<i>Mycobacterium tuberculosis</i> subsp. <i>caprae</i>)	3	
<i>Mycobacterium chelonae</i>	2	
<i>Mycobacterium chimaera</i>	2	
<i>Mycobacterium fortuitum</i>	2	
<i>Mycobacterium intracellulare</i>	2	
<i>Mycobacterium kansasii</i>	2	
<i>Mycobacterium leprae</i>	3	
<i>Mycobacterium malmoense</i>	2	
<i>Mycobacterium marinum</i>	2	
<i>Mycobacterium microti</i>	3 (*)	
